ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE/GŻEJJER FAEROE

tas-27 ta' Lulju 2020

li temenda l-Protokolli 1 u 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra [2020/1162]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") jikkonċerna t-trattament tariffarju u l-arranġamenti applikabbli għal ċerti ħut u prodotti tas-sajd rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea jew importati fil-Gżejjer Faeroe. L-Anness tal-Protokoll 1 jindika d-dazji doganali preferenzjali u l-kundizzjonijiet l-oħra li għandhom jiġu applikati fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti li joriġinaw minn jew li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe.

(2) Il-Gżejjer Faeroe ressqu talba abbażi tal-Artikolu 36 tal-Ftehim biex il-kodiċijiet NM 0303 53 90 u 1604 13 90 jiżdiedu mal-Anness tal-Protokoll 1. L-Unjoni Ewropea tikkunsidra, wara l-eżami tas-suq rilevanti, li l-prodotti li dawk il-kodiċijiet jirreferu għalihom jistgħu jiġu importati mingħajr dazju fl-Unjoni Ewropea u mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi.

(3) Il-Protokoll 4 tal-Ftehim jikkonċerna d-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli għajr dawk elenkati fil-Protokoll 1.

(4) Skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 4, l-Unjoni Ewropea inizjalment tat konċessjonijiet tariffarji għall-għalf tal-ħut tal-Gżejjer Faeroe, fir-rigward ta' kwota tariffarja mingħajr dazju annwali ta' 5 000 tunnellata. Dik il-kwota tariffarja bla dazju ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/98 tal-Kumitat Konġunt KE/Danimarka-Gżejjer Faeroe ([2]), li żdiedet għal 10 000 tunnellata mill-1 ta' Jannar 2000 u bid-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat Konġunt KE/Danimarka-Gżejjer Faeroe ([3]), li żdiedet għal 20 000 tunnellata u bil-kundizzjoni li l-għalf tal-ħut li jibbenefika mir-reġim preferenzjali ta' importazzjoni ma jistax ikollu glutina miżjuda.

(5) Il-Gżejjer Faeroe talbu li jiġi emendat il-Protokoll 4 billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-glutina miżjuda li tinsab fl-għalf tal-ħut li jibbenefika mit-trattament preferenzjali, peress li l-glutina saret materja prima essenzjali fil-kompożizzjoni tal-għalf tal-ħut.

(6) L-Artikolu 2 tal-Protokoll 4 jelenka l-prodotti li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea, li jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom il-Gżejjer Faeroe ma jagħtux libertà minn tariffi u dazji meta jiġu importati fil-Gżejjer Faeroe.

(7) L-Unjoni Ewropea talbet li tinfetaħ kwota tariffarja bla dazju għall-kodiċijiet NM 0204, 0206 80 99, 0206 90 99, 0210 90 11, 0210 90 60, ex 0210 90 90, li huma elenkati fl-Artikolu 2 tal-Protokoll 4. Il-Gżejjer Faeroe jikkunsidraw li tista' tingħata kwota tariffarja bla dazju ta' 80 tunnellata ta' esportazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tal-prodotti li jirreferu dawk il-kodiċijiet, suġġetti għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin bi kwota tariffarja bla dazju ta' 40 tunnellata.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokolli 1 u 4 jiġu emendati skont dan,

([1]) ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 2/98 tal-Kumitat Konġunt tal-KE/Danimarka-Gżejjer Faeroe tal-31 ta' Awwissu 1998 li temenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim (ĠU L 263, 26.9.1998, p. 37).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat Konġunt KE/Danimarka-Faeroe tat-8 ta' Ottubru 2007 li temenda l-Protokoll 4 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra (ĠU L 275, 19.10.2007, p. 32).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-Tabella I tal-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, tiġi emendata kif ġej:

(1) dan li ġej jiddaħħal bejn il-kodiċi NM 0303 50 98 u l-kodiċi NM 0303 60 11:

"0303 53 90	– – – Aringi żgħar (*Sprattus sprattus*)	0";	

(2) dan li ġej jiddaħħal bejn il-kodiċi NM 1604 12 99 u l-kodiċi NM 1604 19:

"1604 13	– – Sardin, sardinelli u aringi żgħar jew laċċi koħol		
	– – – Sardin:		
1604 13 90	– – – Oħrajn	0".	

Artikolu 2

Il-Protokoll 4 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-Unjoni Ewropea għandha tagħti lill-prodotti li joriġinaw minn u li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe l-kwoti tariffarji li ġejjin:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju	Kwota tat-tariffi (TQ) fit-tunnellata
0204	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat	0	20
0206 80 99	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, frisk jew mkessaħ	0	
0206 90 99	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, friżat	0	
0210 90 11	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, mielaħ, ġos-salmura, niexef jew affumikat, bl-għadma	0	
0210 90 19	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, mielaħ, ġos-salmura, niexef jew affumikat, minghajr għadma	0	
0210 90 60	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, mielaħ, ġos-salmura, niexef jew affumikat	0	
ex 1601 u	Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti:		
	— Tan-nagħaġ u tal-mogħoż	0	
ex 1602 u	Laħam, fdal tal-laħam jew demm oħrajn preparati jew preservati:		
	— Tan-nagħaġ u tal-mogħoż	0	
ex 2309 90 10 ex 2309 90 31 ex 2309 90 41	Għalf tal-ħut	0	20 000";

(2) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-Gżejjer Faeroe għandhom jiftħu l-kwoti tariffarji li ġejjin għall-prodotti li joriġinaw minn jew li ġejjin mill-Unjoni Ewropea:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju	Kwota tat-tariffi (TQ) fit-tunnellata
0204	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat	0	40 fl-2020, fl-2021 u fl-2022: 80 mis-sena 2023";
0206 80 99	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, frisk jew mkessaħ	0	
0206 90 99	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, friżat	0	
0210 90 11	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, mielaħ, ġos-salmura, niexef jew affumikat, bl-għadma	0	
0210 90 60	Ġewwieni tan-nagħaġ jew tal-mogħoż tajjeb għall-ikel, mielaħ, ġos-salmura, niexef jew affumikat	0	
ex 0210 90 90	Dqiq u ikliet ta' laħam u tal-ġewwieni tajbin għall-ikel, tan-nagħaġ u l-mogħoż	0	

(3) l-Anness I jitħassar.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Tórshavn, is-27 ta' Lulju 2020.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
K. SANDERSON